# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 445/2016

**Il-Pulizija**

**(Sp. Godwin Scerri)**

**vs**

**Charles Abela**

Illum 28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Charles Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 439455M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-25 ta' Mejju 2013 għall-ħabta ta' 17:35 ġewwa Dawret San Pawl ilBaħar, San Pawl il-Baħar:

Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KPY-013 u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dennis Camilleri

skont kif iċċertifika Dr. Moses Camilleri M.D. Reg. 2242 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-28 ta' Settembru, 2016 li biha wara li rat l-Artikoli 226(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li iddikjarat lil Charles Abela ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih qieset li peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti qieset li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għamlet ordni li biha illiberat lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti skwalifikat lil ħati milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' ħmistax- il jum millum f'nofs il-lejl ta' dakinhar. Inoltre wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż lir-Reġistratur tal-espert maħtur matul il-kors ta' din il-kawża Mr Alec Sultana fl-ammont ta' tliet mitt euro (€300).

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

1. Illi l-aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tieghu huwa wiehed zbaljat. L-appellant jargumenta illi ma jirriżultax b'mod ċar illi kien hu li qabad u qaleb il-karreġġjata mingħajr ma ta indikazzjoni. Skond hu, kien il-parte ċivili li daħal ġo fih meta l-appellant kien diġa' fil-karreġġjata esterna għal xi mitejn metru u ittanta jissorpassa mill-parti ta' bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u l-crash barrier.

2. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa u b'mod approfondit l-atti processwali sabiex tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Minn dan jemergi illi fid-data u l-hin indikat fil-komparixxi, l-appellant kien ghaddej bil-mini bus tieghu fil-bye-pass ta' San Pawl il-Bahar fejn mid-direzzjoni tal-Mellieha kien sejjer lejn direzzjoni ta' Burmarrad. Il-parte civile kien gej fuq l-istess triq mill-istess direzzjoni bil-mutur tieghu meta sar l-impatt bejniethom;

3. Il-hsara fuq il-vann misjuq mill-appellant hija fuq il-fanal ta' wara tal-lemin. Il-hsara fuq il-mutur hija fuq il-headlights, rota ta' wara, right frame, right handlebar, right side mirror, seat u tail lights.

4. Skont l-affidavit ta' PS 1586 R.Attard huwa kien mar fuq il-post fejn għamel l-iskizz tal-ħabta, ħa l-verjżonijiet kollha, u ssejħet

ambulanza peress li s-sewwieq tal-mutur HEL636 kien weġġa'. (Ikkonfermat bil-ġurament a fol 44). Skont il-Patients Certification form is-sewwieq tal-mutur kellu compound fractures fir-raba' suba' ta' idu x-xellugija. Kien hemm dislokazzjoni tal-PiP u abrasions f'subgħajn oħra kemm tal-id ix-xellugija kif ukoll dawk tal-leminija. Kien hemm ukoll abrasions fl-irkoppa l-leminija. L-offiżi kienu diskritti bħala gravi. A fol 19 Dr Moses Camilleri għamel affidavit li fih ċċertifika ksur (compound) tar-raba' suba' fl-id ix-xellugija, żlugar ta' għadma fl-istess suba' (PIPJ); ferita u grif ta' swaba' oħra kemm fl-id il-leminija kif ukoll dik ix-xellugija u grif fl-irkoppa leminija. L-offizi huma ta' natura gravi per durata. (Ara wkoll ix-xhieda tiegħu a fol.42 fejn ikkonferma bil-ġurament in-natura tal-offizi). L-Ewwel Qorti ħatret lill-Professur Alec Sultana biex jirrelata dwar il-kundizzjoni medika li kkonkluda li s-sewwieq tal-mutur kien sofra '5% permanent disability as a direct result of the injury he sustained on the 25th May 2013.' (fol.25).

5. Il-parte civile, Dennis Camilleri, xehed illi kien qed isuq fuq il-lane ta' barra u f'daqqa waħda l-appellant għamel manuvra u qala' mil-lane ta' ġewwa għal-lane ta' barra. Lilu għalaqlu t-tgriq u spiċċa ħabat miegħu u tilef il-kontroll u miss mal-barriers. Kien ghafas il-brake iżda xorta ma kienx waqaf u ma kienx qed isuq bi speed eċċessiv. Jghid illi l-vann kien għalaqlu t-triq tiegħu meta qasam mil-lane ta' ġewwa għal dak ta' barra mingħajr ma xegħel l-indicators. Ma kienx bogħod ħafna mill-vann meta seħħet il-manuvra. Huwa dam jum u nofs l-isptar bi 23 punt f'idejh ix-xellugija u ksur fis-suba' taċ-ċurkett. (fol 57).

6. Matthew Mallia xehed illi kien qiegħed wara l-mutur li ħabat u t-tnejn kienu fuq in-naħa ta' barra. F'daqqa waħda l-vann qabad u qasam mingħajr ma għamel sinjal. (fol75). Huwa kien qisu karozza 'l bogħod mill-mutur tal-parte ċivili. Kif waslu mal-vann, dan qabad jaqsam bil-mod il-mod il-lane meta kienu qishom żewġ karozzi 'l bogħod. Tal-mutur għafas il-brejkijiet imma sakemm

għamel dan kien diġa' nqabad bejn il-vann u l-barriers. In-kontro-eżami qal li huma kienu mexjin bl-istess speed iżda sieħbu kien telaq qablu u għalhekk kien ftit aktar 'il quddiem minnu. Tal-vann kien se jolqtu meta qabez il-lane izda evitah u għalhekk kien qaleb għal-lane l-ieħor la darba l-vann kien sejjer fuq il-lane ta' barra. Dennis Camilleri kien kważi mal-fanal ta' wara. Huwa kien ra lil Dennis Camilleri jagħfas il-brake iżda ma kienx jaf jekk kienx ser jipprova jgħaddi lill-vann.(fol 80).

7. L-appellant xehed illi huwa qabeż żewġ karozzi għax kienu qed isuqu bil-mod u kien fuq in-naħa ta' barra. Ra lill-mutur bejn il-vann u s-central strip fil-mera wara li kien sema' ħoss. Kien ilu naqra għaddej fuq il-lane ta' barra daqs medda ta' sitt arbli u qal li kien għamel indikazzjoni. Huwa ma kienx ra lill-mutur qabel u rah biss wara l-ħoss. In kontro-eżami qal li l-vizwali tieghu hija mxekkla minhabba l-*headrest*.

8. Minn dak appena rakkontat huwa evidenti illi hemm zewg verzjonijiet kontrastanti dwar dan l-incident. Huwa tassew li n-naħa tax-xellug tal-mutur ma jidhirx li kien hemm xi ħsarat. Tirrizulta, izda, hsara fil-*head light* tieghu. L-ewwel Qorti kienet libera li tghazel liema verzjoni ghandha mis-sewwa. Hija ghamlet dan wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, l-verzjoni tal-partijiet u l-provi indizzjarji fosthom il-hsarat fiz-zewg vetturi u l-iskizz. Issa, kif inhu ben konoxxut, dwar il-provi indizzjarji "circumstantial evidence does not lie but it can be deceiving" : Fol 12 juri illi l-impatt bejn il-mutur u l-vann sar mal-linja medjana, dik li tiddividi l-kareggjata ta' gewwa minn dik ta' barra. Dan hu dixxernibbli mill-indikazzjoni ta' "debris" li jidher fuq dan l-iskizz bil-vettura tal-appellant wieqfa angolata fuq il-lane ta' gewwa ftit metri mhux hazin minn fejn waqaf il-mutur u diversi metri minn fejn kien hemm id-"debris". Indizzji dawn li jippuntaw f'direzzjoni wahda u li juru b'mod univoku li dak li qal l-appellant m'ghandux mis-sewwa;

9. Huwa s-sewwieq li qed jagħmel il-manuvra, ħafna drabi msejħa mhux ortodossa, li jrid joqgħod aktar attent għall-manuvra li qed jagħmel. Irid iżomm a proper look out għaliex la ser jaqsam il-lane huwa jrid jara t-traffiku li għaddej mil-lane l-ieħor jagħtih spazju biżżejjed biex iwettaq il-manuvra. Jekk l-appellant kellu quddiemu żewġ karozzi li kienu mexjin bil-mod u ipprova jaqbiżhom jew imur fuq l-outer lane ħalli jkompli fi triqtu bl-ispeed tiegħu kien jispetta lilu li meta jaghmel hekk it-triq kienet hielsa minn kull utent ta' dik il-kareggjata jew kull ostakolu iehor. Mhux biżżejjed li wieħed jixgħel l-indicator għaliex xorta jrid joqgħod attent li d-distanza ttih u jekk hemmx xi ħadd ieħor fil-karreġġjata l-oħra li qiegħed qrib ħafna.

10. Din il-Qorti ghalhekk ma tara li ma hemm ebda raġuni ghaliex ghandha b'xi mod tiċċensura l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti dwar id-dinaminka tal-incident ukoll ghaliex ma jirrizulta ebda agir da parti tal-parte civile li seta' ikkontribwixxa ghal dan is-sinistru;

12. Kwantu ghall-offiza fuq il-persuna tal-parte civile, jemergi illi dan sofra dizabilita' ta' natura permanenti (5%) f'subajh tac-curkett u ghalhekk kien ippruvat ukoll dak ravvizat fl-artikolu 226(1) tal-Kap 9;

L-appell ghalhekk qed ikun michud u t-terminu ta' hmistax-il jum skwalifika tal-licenzja tal-appellant jibda jiddekorri minn nofs il-lejl.